MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 187/2008

**Mobisle Communications Ltd (C 24655)**

**-vs-**

**Sebastian Debono**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet li l-konvenut ihallas is-somma t'elf, tliet mija u disgha u tmenin euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,389.87) - (Lm596.67c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contact Number 1006292 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn April 2007 u Settembru 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma t'elf, tliet mija u disgha u tmenin euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,389.87) - (Lm596.67c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------